KUNSILL LOKALI

**M O S T A**

LOCAL COUNCIL

**Laqgħa Numru 21** **L- Erbgħa 10 ta' Novembru 2025**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:05pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi Sindku
Anthony Agius Decelis – Kunsillier (daħal għal- laqgħa fis- 19:18pm)
Chris Grech – Kunsillier
Thomas De Martino – Kunsillier (daħal għal- laqgħa fis- 18:12pm)
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Andre Buhagiar- Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier

**ASSENTI b' APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Chantelle Portelli- Kunsillier

**ASSENTI:**
Nil.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Segretarju Eżekuttiv

**MISTEDNIN:**
Perit Beverly Costa - Project Green
Chiara Darmanin - Project Green
Jessica Galea - Project Green
Benjamin Vassallo – Project Green
Jonathan Borg – Superintendence of Cultural Heritage
Kenneth Cauchi - Superintendence of Cultural Heritage
Professor George Cassar

**Minuti**
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

**21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv stqarr illi rċieva ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsillier Portelli. It-talbiet ta' skuża ġew milqugħa mill-Kunsilliera preżenti nem. con.

**21.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti nru 20**

21.2.1 Korrezzjonijiet mill- Minuti nru 20

Il-Minuti numru 20 kienu approvati mingħajr ebda korrezzjonijiet mill- membri preżenti nem. con.

21.2.2 Aġġornamenti mill- Minuti nru 20

20.3.4 Aġġornamenti – Pjazza Torri

Is-Sindku ta aġġornament dwar il-progress tal-proġett fi Pjazza Torri. Ix-xogħol miexi skont il-pjan, u bħalissa qed isir tindif tax-xelter. Il-Kuntrattur qiegħed jiffinalizza l-aħħar xogħlijiet żgħar sabiex il-proġett jitlesta kompletament u jkun jista' jiġi inawgurat fil-ġranet li ġejjin.

20.5.2 Reviżjoni tal-Baġit

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsillieri li r-reviżjoni tal-baġit ġiet uffiċjalment sottomessa lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jinżammu aġġornati. Din ir-reviżjoni tinkludi l-previżjonijiet finanzjarji għas-sena 2026, u ser tintuża bħala bażi għall-ippjanar tal-proġetti u l-impenji futuri tal-Kunsill.

20.3.2 Svetlick Flores – Proġetti tal-Għaqdiet LESA 2024–2026

Il-Kunsill għadu qiegħed jirċievi applikazzjonijiet għall-proġetti fil-komunità taħt l-iskema tal-LESA. Din l-iskema tipprovdi fondi għall-inizjattivi lokali bejn l-2024 u l-2026. Id-data tal- għeluq tal-applikazzjonijiet għadha pendenti, u l-Kunsill ser jinforma lill-applikanti malli tiġi kkonfermata l-applikazzjoni tagħhom.

20.4.4 Kunsillier Grech – Laqgħa mad-Dipartiment

Is-Sindku spjega li saret laqgħa mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn ġiet diskussa s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Ġie rrimarkat li kien hemm surplus żgħir mill-ispejjeż kollha li daħlu u ħarġu fis-sena 2025. Id-Dipartiment wiegħed verbalment li ser jassisti lill-Kunsill bi flus f'forma ta' self, iżda ma ġewx stabbiliti l-ammonti preċiżi u t-termini ta' ħlas. Dawn id-dettalji ser jiġu diskussi aktar fil-fond f'laqgħat oħra.

20.5.2 Rapport tal-Arborista

Is-Sindku informa lill-Kunsillieri li qed isiru xi aġġornamenti fir-rapport tal-arborista. Xi żoni addizzjonali ser jiġu inklużi fir-rapport sabiex ikunu parti mit-tender finali. Dan l-aġġornament hu meqjus importanti biex jiġi żgurat li l-proġett ta' manutenzjoni tal-ispazji ħodor ikun komprensiv billi jikludi ż-żoni kollha preżenti u dawk li huma ppjanati li jsiru fis- snin li ġejjin.

**18:20 hrs –** Is-Sindku ppropona li ssir sospensjoni tal-laqgħa sabiex ikun diskuss punt 21.5.1 mill-membri ta' Project Green.

**21.5 Rapporti**

21.5.1 Project Green Presentation

*Opening of Meeting – Project Green Presentation*

Il-laqgħa nfetħet minn Jessica Galea, li ppreżentat l-ideat u l-progress tal-proġett ta' Ġnien Reggie Cilia lill-Kunsillieri. Il-preżentazzjoni inkludiet skemi tekniċi dettaljati u renders 3D li juru l-*layout* propost, l-elementi ta' *landscaping,* u l-karatteristiċi ewlenin tal-ġnien. Galea enfasizzat li l-proġett hu maħsub biex joffri spazju miftuħ, aċċessibbli u estetikament attraenti għall-komunità.

Waqt il-preżentazzjoni, Project Green spjegaw li l-proġett jinsab fi stadju avvanzat ta' disinn u l-membri tal-Kunsill ġew mistiedna jagħtu feedback dwar il-proposta qabel ma jiġi finalizzat il-master plan.

*Diskussjoni dwar il-Monument tal-Ljun*

Wara li ġie diskuss il-progress tal-proġett, il-laqgħa għaddiet għall-punt kontroversjali: il-pożizzjoni tal-monument tal-iljun.

Il-monument kien diġà approvat sabiex jitqiegħed ħdejn il-Bażilika, f'lokazzjoni li teħtieġ l-approvazzjoni tas-SCH (ħdejn il-parkeġġ tal-Kunsill u dak tal-klinika). Madankollu, l-SCH ma approvax ir-rilokazzjoni wara l-knisja u minflok irrakkomanda li jiġu kkunsidrati spazji viċin iz-zuntier tal-knisja. Barra minn hekk, l-SCH insistew li l-funtana tal-monument tiġi rrepplikata skont il-verżjoni tal-1960's u tintuża bħala funtana u mhux planter.

Project Green iddisinjaw il-monument bil-funtana, iżda ġie spjegat li ma jistax jitqiegħed fi Ġnien Reggie Cilia meta dan jitlesta, peress li jitħalla mingħajr viżibilità. Filwaqt li ħdejn il-parkeġġ tal-Kunsill ma jkunx hemm biżżejjed spazju ta' dawra għal vetturi bħal spider crane li huma meħtieġa għaż-żamma u manutenzjoni tal-Bażilika.

*Pożizzjonijiet tal-Partijiet*

- Il-Kunsillier Grech kien l-uniku membru li ma qabilx mal-idea li l-ljun jiġi rilokat fil-pjazza prinċipali. Huwa rrimarka li l-kunsill preċedenti, meta hu kien Sindku, kien diġà qabel li jekk ikun hemm l-obelisk fil-pjazza, il-monument tal-ljun ma jistax jitqiegħed hemmhekk, kif ukoll kwalunkwe monument ieħor.
- Jonathan Borg (SCH) spjega li l-monument tal-ljun huwa l-uniku *relief* tas-simbolu tal-Indipendenza u li l-SCH approva biss rilokazzjoni temporanja sabiex il-proġett tal-pjazza jitlesta. Borg enfasizza li l-monument għandu identità marbuta mal-Bażilika u li jekk jitqiegħed fiċ-ċentru tal-ġnien jitilfu l-iskop tiegħu.
- Beverly Costa (Project Green) qalet li l-iskop tal-laqgħa huwa li jinstab kompromess sabiex il-monument jitqiegħed fil-post xieraq tiegħu fil-pjazza, bil-finanzjament kollu provdut.
- Kenneth Cauchi (SCH) irrimarka li l-monument tal-ljun bil- funtana huwa parti integrali mill-Pjazza tal- Mosta.
- Profs Cassar ta perspettiva kulturali u storika, u spjega kif il-funtana kienet oriġinarjament maħsuba biex l-annimali jixorbu minnha, u kif il-monument jissimbolizza t-tranżizzjoni tal- Mosta minn raħal għal belt. Huwa enfasizza li l-illustrazzjonijiet storiċi kollha juru l-ljun, il-pedestall u l-Bażilika flimkien, u għalhekk jekk il-monument ma jerġax jitqiegħed fil-post storiku tiegħu, ikun qed jitħassar mill-istorja.

*Konklużjoni u Passi Li Jmiss*

Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li jiġu ppreżentati tpinġijiet aktar dettaljati tal-layout attwali tal-pjazza sabiex dawn jiġu studjati b'aktar preċiżjoni mis-SCH u Project Green.

Kien maqbul unanimament mill-membri preżenti, inkluż il-Kunsillieri, li jsir studju aktar fil-fond dwar kif ser ikun allokat l-ispazju għall-monument tal-ljun, inkluż pjanti dettaljati minn Project Green.

**21.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

21.3.1 Impjegata tal- Kunsill – talba għal- notch

Is- Segretarju Eżekuttiv preżenta ittra mingħand l- Impjegata tal- Kunsill is- sinjura Gatt, li talbet sabiex titla minn notch 4 għal notch 5, hekk kif deskritt fil- ftehim kollettiv, b' effett mill- 1 ta' Diċembru 2025. Il- Kunsillieri preżenti qablu nem. con.

21.3.2 Impjegat tal- Kunsill – Ittra ta' riżenja

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsillieri li l-impjegat tal-Kunsill, is-Sur Michael Borg, issottometta ittra ta' riżenja mill-impjieg tiegħu minħabba li sab impjieg alternattiv. L-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu se tkun nhar il-14 ta' Novembru 2025. Is-Sur Borg ħadem il-perjodu tan-notice kif stipulat fil-ftehim kollettiv. Is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri esprimewlu l-isbaħ xewqat u rringrazzjawh tax-xogħol tiegħu.

21.3.3 Financial Committee

Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali talab lill-Kunsill joħloq Kumitat Finanzjarju sabiex jissorvelja l-finanzi tal-Kunsill u jeżamina n-nefqa. Din hija l- proċedurea stabbilita għal- Kunsilli li għandhom ammont ta' defiċit iktar minn 10% tal- allokazzjoni. Il-membri tal-kumitat finanzjarju huma: is-Sindku, il-Viċi Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Accountant tal-Kunsill. Is- Segretarju Eżekuttiv ser jinforma lid- Dipartiment bl- ismijiet tal- membri ta' dan il- bord. Kien hemm qbil mill- membri preżenti nem.con.

21.3.4 Annalise Duca – Local Permits System

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li, skont avviż mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, is-sistema li jużа l-Kunsill Lokali għall-permessi fil-lokalità ser tkun għażla tal-Kunsill Lokali. Id-Dipartiment informa wkoll li l-Kunsill ser ikun issussidjat għal din in-nefqa. Il-Kunsillieri preżenti qablu unanimament li l-Kunsill iżomm l-istess sistema li teżisti bħalissa, peress li hi effettiva u tnaqqas l-inkonvenjenza lir-residenti.

**21.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Ma kien hemm ebda mistoqsija addizjonali mressqa mill- Kunsillieri preżenti.

**21.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

21.6.1 Skeda tal-Pagamenti

l- Iskeda ta' Pagamenti numru 167 kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con.

21.6.2 Purchase Orders

Il-lista ta' Purchase Orders ippreżentata kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con.

21.6.3 Works Orders

Il- lista ta' Works Orders ippreżentata kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con.

21.6.4 Petty Cash

Il-lista tal-Petty Cash ippreżentata kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con

**21.7 Tmiem il-laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet uffiċjalment fis- 19:45 p.m. Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri preżenti li l-Laqgħa Numru 21 tal-Kunsill Lokali se ssir nhar it- Tlieta, 9 ta' Diċembru 2025, fis-18:00pm, fl- uffiċini tal-Kunsill, filwaqt li l- laqgħa pubblika ser issir nhar l- Erbgħa, 10 ta' Diċembru 2025 , fis-18:00pm fl- uffiċini tal- Kunsill.

Joseph Gatt
Sindku

Jeremy Bartolo
Segretarju Eżekuttiv